**Għalfejn it-tfal ċkejknin?**

Naraha quddiemi tissielet
Għal kull nifs li fadlilha,
Jiġri f'dak il-pulmun ċkejken
Wiċċha sabiħ bjadilha.

Possibbli li m'intix tara?
Dak li qed nħossu aħna?
Possibbli ħallejtna ngħumu
F'dal-baħar li jrid jiblagħana?

Kemm qallibt ħa nsib tifsira
Biex qalbi fl-aħħar tistrieħ!
Kemm Mulej qalbi għajtitlek
Issa li kollox tar m'r-riħ!

U wara dil-battikata
Issa ħa nigdem ilsieni,
Għax kull kelma li nlissen
Fil-verità x'qed tiswieli?

Xejn għajr biex aktar niżbel
U jaħasra naħli l-mument,
Li l-Mulej qed jagħtini
Biex ninżel fih f'dixxerniment.

Biex u għal darba f'ħajti
Nwaqqaf ġirjet moħħi,
Li dejjem jdur u jagħqad
Qed jiżlugali l-ġogi!

Le, ma rridx nibqa' aktar
Nilgħabha tal-prim imħallef,
Le, irrid issa niskot
Inħalli lilu 'l ruħi jagħlef.

B'dik l-għalfa tas-sliem
Etern, li fih jinstab il-wens,
Mulej f'idejk nitlaqagħha
Hekk fija jgelgel is-sens.

Ħaġa waħda naf Ġesù
Li aktar ma jgħaddi l-ħin,
Aktar nħares fis-sema
Il-post imqaddes taċ-ċkejknin.

U dlonk qalbi titħaddan
Mis-sliem li hemm isaltan hemm fuq,

U f’dan il-waqt li idi
l-kuruna żżomm sliem ir-ruħ!

Għax mhux il-moħħ se jifhem
Jaħseb kemm jaħseb żgur għalxejn,
Minflok ħa nitlob aktar
Hekk, biż-żmien inkun naf għalfejn!

Patri Mario Attard OFM Cap
28 ta’ Diċembru 2020